**28 ta' April, 1998**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**

Albert Farrugia

*versus*

Michael Attard *pro et noe*

**Danni - Obbligazzjoni**

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn ikkundannat lis-soċjetà konvenuta tħallas spejjeż ta' kiri ta' karozza għall-perijodu ta' tiswija ta' difetti ta' karozza mixtrija mingħand is-soċjetà konvenuta.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-13 ta' Mejju, 1997, f'kawża li fiha l-attur, b'avviż talab li l-konvenut *nomine* jħallsu s-somma ta' Lm243, rappreżentanti spejjeż inkorsi mill-attur għall-kiri ta' karozza u dan sakemm il-karozza tiegħu Peugeot numru U-2381, li rriżultat difettuża, damet biex tiġi msewwija;

Il-konvenut *nomine* eċċepixxa illi t-talbiet attriċi kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-soċjetà konvenuta ma kkaġunat l-ebda danni lill-attur;

L-Ewwel Qorti hekk irrelatat fis-sentenza tagħha, il-provi miġbura quddiemha:

"Xehed l-attur u semma' li:

"Jiena xtrajt karozza Peugeot 309. Għamilnielha *s-service* u bdiet taħdem il-karozza. Wara ftit ġranet smajna ħoss fil-magna u ħadtha għand il-mekkanik, sibna li kien hemm *piston* mhux qed jaħdem. Din il-karozza kellha anqas minn tletin elf mil;

Meta qala' l-mekkanik qalli li din mhux ħsara li tiġri *on the road* u qalli li jaħseb li hemm difett mill-fabbrika. *Engineer li hu inkarigat mill-mechanics* tal-Peugeot *kif rah aċċetta li din* mhix ħsara normali, din ħsara tal-fabbrika;

Dana qala' l-*piston* ġabilna *pistons* u dawn il-*pistons* ma kinux tajbin. Reġgħu kitbu barra u ġabulna *pistons* li jerġgħu anqas jaqblu mal-karozza. Reġa' kiteb u reġa' ġabilna l-*pistons*, dawn twaħħlu f'posthom u il-karozza bdiet taħdem perfettament";

*Żid jgħid li l-konvenut ma kienx dispost iħallas tal-kera* tal-karozza;

Xehed Albert Gauci li kien il-mekkanik ta' l-attur li semma' li meta qala' l-magna lill-attur qallu "dina mhux ħaġa li normalment tirriżulta mill-*wear and tear* iżda ħaġa li tkun mill-*fabbrika;*

Konna morna nkellmu lill-konvenut li rriferina għal xi *wieħed mill-foremen tiegħu, xi wieħed Ingliż. Fil-fatt meta dan* kellimnih hu kien qabel li din mhux ħsara tal-*wear and tear* iżda

kienet ħsara tal-manifattura u kien qal ukoll li ta l-ispejjeż kienu ser iħallsu kollox huma. Dak il-ħin stess konna morna biex nordnaw il-*pistons* u fil-fatt il-*positions* tawhomna. Fil-fatt qed ngħid *pistons* minħabba l-fatt li dawn ikunu sett ta' erbgħa (4) għax hekk hi s-sistema tagħhom";

Xehed Leli Galea li qal:

"Jiena naħdem mad-ditta konvenuta. *Fil-fatt jiena naħdem* fil-kariga ta' *storekeeper*. Niftakar li xi żmien ilu s-Sur Farrugia kellu xi problema dwar il-vettura tiegħu u kien ġie ripetutament għal xi *parts*. Niftakar li fil-fatt il-*parts* li kienu ġew ordnati oriġinalment kienu żbaljati. Jien ma kontx ordnajthom jien, però kien irriżultali;

Mistoqsi jekk hux darba jew aktar minn darba illi fil-fatt dawn il-*parts* kienu ġew ordnati jiena naħseb illi darba li ġew żbaljati, *però ma niftakarx minħabba l-fatt li għadda ħafna* żmien";

Xehed Brian Farrugia li qal:

"Il-ħsarat li kellha l-vettura kienu fil-*pistons*. Għalhekk aħna ktibna lill-kumpannija barra meta kien hemm din il-problema dwar il-*pistons* u fil-fatt il-kumpannija kienet iddeċidiet li *ex gratia* ikun hemm kollox *free of charge*;

Aħna ma ċċarġjajnieh ta' xejn però sirna nafu li kien qiegħed jikklejmja tal-kiri tal-karozza. Fil-fatt il-ħlasijiet għall-*parts* għar-*replacement* tħallsu mill-kumpannija minn barra. Aħna qatt ma kien obbligu min-naħa tagħna li nħallsu *tal-kiri* tal-karozza waqt li l-karozza qiegħda tissewwa. Aħna qatt ma għidna lill-attur biex jikri xi karozza a spejjeż tagħna";

U in kontro eżami żied jgħid:

"*Mistoqsi* jekk hux veru li aħna ħallasna lill-mekkanik tas-Sur Farrugia nirrispondi li jien ma nafs biha. Aħna *local representatives* ta' l-aġenti ta' barra. Fil-fatt il-*parts* in kwistjoni l-ewwel darba li ġew kienu ġew ħżiena u għalhekk biex naqdu lill-klijenti malajr konna ġibnihom bl-ajru t-tieni darba";

Bis-sentenza tat-13 ta' Mejju, 1997, il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta li hi ma kienet ikkaġunat ebda danni lill-attur u peress li t-talba kienet tirriżulta ġustifikata laqgħetha ħlief għal Lm3 petrol u għalhekk ikkundannat lill-konvenut *nomine* jħallas lill-attur is-somma ta' Lm240 bl-ispejjeż kontra tiegħu;

L-Ewwel Qorti hekk identifikat is-sottomissjonijiet tal-kontendenti fis-sentenza appellata:

L-attur ibbaża l-kawża in eżami fuq il-fatt li l-konvenut kellu obbligu li meta jbiegħ karozza f'Malta din għandha tkun mingħajr difetti. *Il-karozza li hu* xtara mingħand persuna oħra rriżulta li kellha difett tal-fabbrika u li infatti l-konvenut aċċetta li jissupplixxi parti oħra u li jħallas għat-tiswijiet. Kien għalhekk *jinkombi fuqu* li jkollu l-*parts* fil-pussess tiegħu u li *jġibhom malajr* u *tajbin* u *mhux* li darbtejn iġib il-*parts* ħżiena *kif fil-fatt* sar. Kawża ta' dan l-aġir l-attur kellu jikri karozza għal matul dan iż-żmien u l-kawża hi bbażata proprju fuq hekk. L-attur infatti mhux qiegħed jibbaża l-kawża fuq garanzija fuq il-fatt li meta l-konvenut biegħ karozza hu kellu jbiegħha f'kundizzjoni tajba u mhux bid-difetti. Tant kemm hu hekk li l-istess konvenut aċċetta li jbiddel il-*parts* u li jħallas għax-xogħol iżda matul dan iż-żmien l-attur ma kellux joqgħod mingħajr karrozza skond l-istess attur;

Il-konvenut isostni li hu m'għandu ebda relazzjoni *ġuridika ma' l-attur għax ma kienx biegħ il-karozza lill-attur* iżda lil terza persuna. Il-konvenut isostni li l-garanzija kienet għaddiet u li l-*parts* ġew mogħtija u l-ħlas għax-xogħol sar *ex gratia*;

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Din il-Qorti taqbel mat-teżi ta' l-attur;

Infatti importatur għandu l-obbligu li ma jbiegħx oġġetti li joħorġu difettużi mill-fabbrika. Hu obbligat li jekk stess ibiegħ xi ħaġa difettuża, għandu jirranġa kif titlob is-sengħa - ħaġa li wara kollox il-konvenut aċċetta li jagħmel u fil-fatt għamel. Iżda dan iwassal ukoll li l-attur m'għandux ibati hu tal-kiri tal-karozza kawża li l-konvenut ma kellux *in stock* u li ġew importati l-oġġetti żbaljati. Il-konvenut issottometta ukoll li hu m'għandux relazzjoni ġuridika ma' l-attur għax hu kien biegħ lil persuna oħra. Iżda meta l-attur mar għandu, aċċetta r-relazzjoni diretta ma' l-attur u għalhekk dan l-argument jaqa'";

Kawża simili kienet dik deċiża minn din il-Qorti diversament ippresjeduta (mill-Maġistrat Valenzia) fil-11 ta' Ġunju, 1991 fl-ismijiet **Joseph Portanier u Peter Cassar Parnis** *et*;

Din il-Qorti qieset l-aggravju tal-konvenut *nomine* fid-dawl tar-riżultanzi proċesswali u waslet għall-konklużjoni illi s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata. Hu rilevanti illi fl-aggravju tiegħu l-appellant *nomine* jammetti bħala fatt ippruvat li kien irriżulta li l-karozza minnu mibjugħa kellha difetti li ġejjin mill-manifattura. Din l-ammissjoni neċessarjament *timporta ċerti konsegwenzi fosthom ir-responsabbilità tal-*venditur li jassigura li l-oġġett minnu mibjugħ ikun mhux biss

ħieles minn difetti, imma ukoll tal-kwalità pattwita;

L-appellant jittanta jevita din ir-responsabbilità billi *jisposta l-piż fuq* id-ditta *manufattriċi estera tal-vettura in* kwantu jsostni illi hu kien biss qed jaġixxi bħala aġent tagħha. Isostni li "f'din it-transazzjoni s-soċjetà konvenuta ma kienet bl-ebda *mod responsabbli għall-manifattura ħażina tal-magna*". *Il-*Qorti tifhem li l-appellant *nomine* kien qiegħed hawn jirreferi għall-ftehim li sar biex il-karozza *tiġi msewwija* u d-difett imneħħi. Il-qofol tal-vertenza però hu safejn tasal ir-*responsabbilità tas-soċjetà* konvenuta; (1) bħala *li* kienet *hi li* biegħet il-karozza fl-ewwel lok; u (2) bħala li kienet hi li aċċettat, ftehmet u obbligat ruħha mal-konvenut li tagħmel tajjeb għall-ħsarat konsegwenzjali għad-difett riskontrat fil-magna;

Kif sewwa *rrilevat mill-appellat, is-soċjetà konvenuta ma* kinitx eċċepiet l-estraneità tagħha *għar-responsabbilità għat-*tiswija quddiem l-Ewwel Qorti għax ippretendiet li kienet biss *aġent tas-soċjetà* estera manifattriċi. Il-provi għall-kuntrarju juru illi kienet is-soċjetà konvenuta li biegħet il-karozza *de quo* lil terzi u minn imkien ma jirriżulta li kienet qed tagħmel dan f'isem xi ditta estera. Jiġifieri d-ditta konvenuta rriżulta *li biegħet il-karozza bħallikieku* din kienet tagħha u mhux bħallikieku kienet qed *tbiegħ għan-nom u fl-interess tad-ditta* estera li mmanifatturata. Il-provi juru ukoll li l-obbligazzjoni li tissewwa l-ħsara fil-magna saret ukoll mis-soċjetà konvenuta fil-konfront u favur l-attur. Fl-ebda ħin ma jirriżulta ppruvat li l-attur kien ġie mgħarraf li dak il-ftehim kien qed isir għas-soċjetà manifattriċi estera jew li kienet dik is-soċjetà li kienet qed tassumi tali obbligu fil-konfront tiegħu. Kif lanqas jirriżulta *illi hu ġie mgħarraf li tali tiswija - li għall-attur kienet ser issir* mis-soċjetà konvenuta - kienet ser issir *ex gratia*. Li hu ċert hu li s-soċjetà konvenuta *ammettiet li* l-ħsara kienet waħda inerenti fil-magna u difett fil-manifattura. Difett li s-soċjetà konvenuta

aċċettat li tagħmel tajjeb għalih għax kien ovvju li l-kompratur bl-ebda mod ma kien jaħti għal tali nuqqas;

Din il-Qorti ma teskludix illi fil-ftehim bejn l-attur u s-*soċjetà konvenuta li bih din ta' l-aħħar* assumiet *l-obbligazzjoni* għat-tiswija, ma kienx ukoll espressament stipulat li din kellha tagħmel tajjeb għall-ħsarat oħra konsegwenzjali, bħalma huma l-pagamenti għall-kiri ta' karozza sakemm il-magna tkun qed tissewwa. Infatti r-responsabbilità għall-ħlas ta' dawn id-danni *anċillari għandhom jitqiesu li jemanu, u huma konsegwenza*, mhux ta' l-obbligazzjoni prinċipali tal-konvenut *nomine*, imma tad-dewmien ta' l-istess konvenut *nomine* li jadempixxi l-*obbligazzjoni minnu assunta. Dewmien li din il-Qorti, bħall-*Ewwel Qorti, tqis li huwa irraġonevoli fiċ-ċirkostanzi. Lanqas ma jista' l-appellant *nomine* jeżimi ruħu *mir-responsabbilità* għal dan id-dewmien billi jsostni li hu ma setax ikun tenut responsabbli għalih għaliex is-soċjetà manifattriċi damet ma baghtet il-*parts* meħtieġa għat-tiswija, jew għaliex b'dan il-ftehim, baghtet il-*parts* żbaljati;

Apparti l-fatt li *ma rriżultax il-prova li dan id-dewmien sar* ħtija tas-soċjetà estera, u tibqa' allura l-possibbilità li l-iżball seta' ukoll sar min-naħa tas-soċjetà konvenuta, l-attur appellat bl-ebda mod ma seta' jkun involut fir-relazzjonijiet bejn is-soċjetà konvenuta venditriċi tal-karozza u s-soċjetà estera manifattriċi tagħha. Ir-relazzjonijiet interni bejn dawn iż-żewġ soċjetajiet ma jinteressawx lill-attur li però kellu kull dritt li jippretendi l-obbligazzjoni li assuma l-konvenut *nomine* li jsewwilu l-karozza tiegħu - kemm jekk dan kellu jkun *ex gratia u kemm jekk le - kellha tiġi sodisfatta fi żmien raġonevolment* qasir. Kunsidrat li l-istess soċjetà konvenuta ġiebet il-prova li l-*spare parts* (naturalment jekk sewwa ordnati u sewwa speditì) kienu soltu jaslu Malta fi żmien massimu ta' għaxart ijiem, hu inspjegabbli li f'dan il-każ dawn hadu seba' ġimgħat biex jaslu Malta, u għad-dewmien u għad-dannu li pprovoka kellu bilfors

jirrispondi l-konvenut *nomine* fil-konfront ta' l-attur, salv dejjem id-dritt tas-soċjetà konvenuta għar-riżarċiment u r-rimbors tagħhom mis-soċjetà manifattriċi estera f'każ li tali responsabbilità tkun tirriżulta;

Kif sewwa ssottometta l-appellat hu prinċipju aċċettat li persuna ma tistax taħrab mill-konsegwenzi għall-ksur ta' obbligazzjoni jew għal mora billi tallega tort ta' persuna li magħha kellha relazzjoni. Il-każ fortuwitu hu biss difiża meta jintervjeni att ta' terz indipendenti u estraneu għad-debitur, u mhux meta bħal dan il-każ, it-terz ikun ġie mqabbad mid-debitur għall-fini ta' esekuzzjoni ta' obbligazzjoni minnu assunt. Ir-referenza għall-kawża **Falzon** *vs* **Mifsud**, deċiża minn din il-Qorti fis-26 ta' Frar, 1960 (Vol. XLIV, pt. I, p. 329) hi f'postha;

Din il-Qorti allura ma tarax għaliex għandha tiddisturba l-konklużjonijiet li waslet għalihom l-Ewwel Qorti u l-appell jirriżulta insostenibbli;

Għal dawn il-motivi l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut *nomine*.